MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1469/2005

**Bim Limited (C475)**

**vs**

**Estetika Company Limited (C28444)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet hlas ta' mija u tlettax-il Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM113.51) rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjughin u kkunsinjati lilha fuq inkarigu taghha stess;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata thallas diversi drabi l-istess ammont inkluz b'ittra legali tas-7 ta' Jannar, 2004 izda baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' LM113.52 ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;

Ra r-Risposta mis-socjeta' konvenuta fejn gie sollevat illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici qed jigi kkontestat ghas-segwenti ragunijiet u kwindi t-talba ghandha tigi michuda peress:

1. Illi preliminarjament, l-ammont huwa preskritt a bazi tal-artiklu 2148 (a) u (b) u l-artiklu 2149 (a) tal-kodici Civili;
2. Illi fil-meritu l-ammont mitlub mhuwiex dovut ghaliex l-oggetti kkonsenjati mis-socjeta' attrici fil-fatt ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Bl-Ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Ra x-xhieda ta' Carmen Santoncito, Elaine Mizzi, u sema x-xhieda ta' Marcon Attard;

Ikkunsidra:

Fuq punt legali s-Socjeta' konvenuta rrilevat il-preskrizzjoni a tenur tal-artikli 2148 (a) u (b) u 2149 (a) tal-kodici civili u dwar il-mertu is-socjeta' konvenuta rrilevat illi l-mejda in kwistjoni ma saritx skond s-sengha w l-arti.

Illi din il-kawza titratta dwar bejgh ta' *desk b'additional features* li tista' tikkonverti f' mejda tonda u peress illi s-socjeta' konvenuta kellha bzonn mejda ghall-*board room* din ordnat din il-mejda bl-*extensions* bi qbil mas-socjeta' attrici. Jidher illi meta s-socjeta' konvenuta giet biex testendi din il-mejda ghal mejda tonda dehrilha lli x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti peress illi l-mejda meta estiza ma baqghetx soda fuq saqajha u kienet tibbalza. Is-socjeta' attrici minn naha taghha qalet illi qatt ma kienet irceviet ilment hlief ghal sena wara l-konsenja.

Illi dwar il-preskrizzjoni it-Tribunal jirrileva, illi skond ix-xhieda ta' Carmen Santoncito din kellha tipproduci kopja ta' ittra ifficjali datata 7 ta' Jannar, 2004 li tinterrompi l-preskrizzjoni. Izda din l-ittra qatt ma giet ezebita.

Sussegwentement giet ezebita ittra bonarja datata 7 ta' Jannar, 2004. It-Tribunal jirrileva illi skond ittra dokumentata fil-process, datata 15 ta' Novembru, 2003, ezebit u mmarkat bhala Dok CS3 a fol 13 tal-process, is-socjeta' konvenuta kienet accettat illi kien hemm bilanc pendenti u li kien ghadu ma thallasx. It-Tribunal ghahekk huwa tal-fehma lli din hija prova ta' ammissjoni da parte mis-socjeta' konvenuta, li jezisti ammont li ghadu dovut u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta.

Illi dwar il-mertu xehdet Carmen Santoncito da parti mis-socjeta' attrici, fejn qalet illi huma qatt ma kienu rcevew xi ilment dwar il-konsenja ta' mejda li s-socjeta attrici kienet ghamlet lis-socjeta' konvenuta. L-Ilment kien inqala' meta cemplet lis-socjeta' konvenuta sabiex issegwi l-kont pendenti xi ftit xhur wara l-konsenja tal-mejda. Sussegwenetement is-socjeta' attrici irceviet ittra mis-socjeta' konvenuta bl-ilment f'Novembru, 2003.

Illi dwar il-mertu jidher ukoll mill-istess ittra a fol.13 mibghuta lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta, lli s-socjeta' konvenuta ipproponiet illi l-ammont mahrug minnhom ghal saqajn godda li solviet il-problema ta xoghol mhux skond is-sengha u l-arti da parti mis-socjeta attrici, kellha titnaqqas mill-bilanc pendenti.

Illi fil-fehma tat-Tribunal din il-kwistjoni setghet tigi miftiehma miz-zewg partijiet u kienu jigu evitati spejjez legali ulterjuri kieku ippruvaw jasslu ghal xi ftehim. Huwa fatt illi gew mibdula s-saqajn tal-mejda wara li s-socjeta' konevuta bhala klijent ma kienx sodisfatt bis-saqajn originali. Illi skond l-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta il-kwistjoni kienet tqajmet mas-socjeta' attrici telefonikament. Dejjem skond l-ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta, il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruhha kieku s-socjeta' attrici accettat illi l-bilanc dovut jitnaqqas bil-prezz tas-saqajn ikkummisjonati lil terzi ammontanti ghal LM65, liema saqajn fil-fatt solvew il-problema tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte u jirriduci s-somma dovuta mis-

socjeta konvenuta fis-somma ta' tmienja u erbghin Lira Maltin u wiehed u hamsin (LM48.51) a saldu tal-bilanc dovut lis-socjeta' attrici bl-imghaxijiet kummercjali mit-22 ta' Ottubru, 2002 sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------